# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 1391/98 SM**

**Carmel Debono bhala prokuratur specjali u in rapprezentanza ta' l-assenti Charles J. Giudice u permezz ta' nota datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2000 Carmel J. Giudice assuma l-atti ta' din il-procedura flok l-imsemmi Carmel Debono u b'nota ohra tal-20 ta' Lulju 2000, l-atti gew mill-gdid assenti minn Carmel Debono fl-assenza ta' Carmel J. Giudice.**

**vs**

**Stella Darmanin**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B'avviz mahrug fit-13 ta' Lulju 1998, Carmel Debono bhala prokuratur specjali u in rapprezentanza ta' l-assenti Charles J. Giudice sejjah lill-esponenti biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata li tizgombra mill-

appartament numru erbgha (4) fil-blokk imsejjah Alexander Flats fi Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan, liema fond skond l-istess Avviz jinsab okkupat mill-esponenti minghajr titolu legali ; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 1998, u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni. Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTA**

2. Il-konvenuta eccepiet hekk :-

(i) Illi, fl-ewwel lok, ghandha ssir il-prova skond il-ligi tat-titolu li talvolta jispetta lill-assenti Charles J. Giudice ghar-rigward ta' l-appartament indikat fl-avviz odjern.

(ii) Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandha ssir il-prova li l-mandat gie moghti lil Carmel Debono bil-prokura esebita, li ggib id-data tas-17 ta' Mejju 1980, ghadu veljanti.

(iii) Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qieghda tokkupa l-appartament involut bil-kunsens espress tal-proprjetarju, u ilha hekk tokkupah ghal hafna snin.

(iv) Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b'nota datata l-10 ta' Marzu 2000, Carmel Giudice assuma l-atti tal-kawza.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

3. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha moghtija fis-27 ta' Gunju 2000, irrespingiet l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti, laqghet it-talba attrici u ordnat lill-istess esponenti tizgombra mill-appartament fuq imsemmi fi zmien xahar mid-data tas-sentenza riferita.

**L-APPELL TAL-KONVENUTA**

4. Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza hekk moghtija u minnha interponiet appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju li gej :-

(1) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti rrespingiet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta' l-esponenti "stante li l-istess Charles J. Giudice assuma l-atti ta' din il-procedura" u inoltre billi "fid-deposizzjoni guramentata taghha (il-konvenuta) tikkonferma li l-proprjetarju tal-fond de quo hu effettivament Giudice." Hawnhekk l-esponenti tirrileva umilment illi :-

(i) B'riferenza ghall-eccezzjoni moghtija mill-esponenti, rigwardanti l-prova li kellha ssir tat-titolu talvolta spettanti lil Charles J. Giudice ghall-appartament meritu ta' din il-kawza,

jidher illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha in bazi ghax-xhieda ta' l-esponenti fejn hija ddikjarat hekk :-

"Mistoqsi min hu l-proprjetarju tal-post <u>nghid li kien Giudice."</u>
(sottolinear ta' l-esponenti).

(ii) Bir-rispett jinghad illi oltre l-fatt li l-esponenti fix-xhieda taghha surriferita kienet qieghda taghmel riferenza evidenti ghal Joseph Charles Giudice li miet fis-17 ta' Dicembru 1987 (xhieda ta' Carmel Debono, 26 ta' Novembru 1999), l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tirritjeni li saret il-prova legalment rikjesta tat-titolu spettanti lill-persuna li harrket lill-esponenti f'dawn il-proceduri, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss l-ewwel Qorti qieset illi l-esponenti rriferiet fix-xhieda taghha ghall-persuna li harrkitha. Imbaghad xi prova saret skond il-ligi "illi l-eredi ta' Joseph Charles Giudice, fuq imsemmi huwa Charles J. Giudice li assuma l-atti ta' din l-procedura"? Bizzejjed inghad li : (a) il-persuna li dehret biex tassumi l-atti tal-kawza f'ebda stadju ma halfet imqar min hi ; (b) id-dokumenti esebiti mill-attur in sostenn tat-titolu ghall-proprjeta' ma jwasslu ghall-ebda prova legalment attendibbli tat-titolu spettanti lill-persuna li ntavolat dawn il-proceduri.

(iii) B'zieda mas-suespost, u b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni ta' l-esponenti, l-esponenti tirrileva li ma ngiebet l-ebda spjegazzjoni ghaliex sar uzu minn prokura maghmula <u>fis-17 ta'</u>

Marzu 1980, allegatament mit-tifel ta' Joseph Charles Giudice (xhieda ta' Carmel Debono, 26 ta' Novembru 1999), meta kien ghadu haj l-istess Joseph Charles Giudice li jinghad li miet fl-1987.

(2) Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tghid illi hija pprovat adegwatament li bdiet l-okkupazzjoni taghha tal-fond bil-kunsens espreses ta' Joseph Charles Giudice, illum mejjet, u hekk baqghet tokkupa l-istess fond. L-esponenti xehdet kif gej (5 ta' Mejju 1999) :-

> "Jiena l-ewwel darba li dhalt f'dan il-post hu hmistax-il sena ilu. F'dan il-post kien joqghod Giudice x-xih u jiena kont girien tieghu ........... Qalli li kien ser isiefer. Qalli li kif johrog hu stajt nidhol fih jien. Qalli biss li meta jigi holiday inzommlu post biex ikun jista' jaghmel il-vaganzi tieghu f'dan il-post."

Da parti tieghu Carmel Debono xehed kif gej (26 ta' Novembru 1999) :-

> "Mat-tfal tkellimt u kitibli mill-Amerika wkoll. Gieli semmieli lis-sinjura li hija l-konvenuta. Ma qallix kif dahlet tokkupah ghax ma konniex nafu."

F'dan il-kontest l-assjem tal-provi juri li kien jezisti intendiment u ftehim car li l-esponenti tibqa' taghmel uzu mill-fond sakemm hija tkun tinhtieg. Ghalhekk, l-appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, takkolji l-eccezzjonijiet moghtija mill-esponenti u b'hekk tirrespingi t-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

## IR-RISPOSTA GHAR-RIKORS TAL-APPELL TAL-APPELLANTI

5. L-appellat nomine wiegeb hekk :-

(i) Illi mis-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(ii) Illi l-appellanti, kif jirrizulta mix-xhieda taghha stess, tammetti u tirrikonoxxi illi hija m'ghandha u qatt ma kellha titolu fuq il-fond in kwistjoni, u li tinsab tokkupa l-istess fond bil-pjacir tal-proprjetarju, li kien, dak iz-zmien, missier u l-aventi kawza tal-attur Carmel J. Giudice;

(iii) Illi ghalhekk mhux kontestat mill-appellanti illi missier l-attur kien il-proprjetarju sakemm miet bara minn Malta fis-sena 1987. Wara dik id-data, l-attur sar proprjetarju bhala werriet ta' missieru, u pproduca l-prova dokumentarja esebita fil-process li turi dan il-fatt;

(iv) Illi l-aggravju li ma xehedx l-istess werriet meta kien prezenti f'Malta ghal zmien ta' xi gimghatejn meta l-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni finali, huwa fatt rrelevanti. Anzi, jigi sottomess illi l-istess Carmel Giudice, f'dik is-seduta, kien prezenti personalment, u kien imiss lill-appellanti taghmel it-talba biex tipproducih personalment f'konfront mal-prova dokumentarja prodotta minnu. M'hemm ebda dubbju illi l-ewwel Qorti kienet tikkunsidra tali talba fic-cirkostanzi

msemmija bhala ragonevoli. Ghalhekk, l-appellat nomine jissottometti illi l-prova illi Carmel Giudice huwa l-werriet universali tal-proprjetarju saret u ma gietx kontestata mill-appellanti;

Ghaldaqstant, l-appellat jissottometti illi s-sentenza appellata huwa legalment gust u ekwu u jimmerita konferma, u illi dan l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Illi l-aggravji tal-intimata appellanti huma kollha impernjati fuq tlett eccezzjonijiet li hija kienet originarjament issollevat quddiem l-ewwel Qorti.

7. Illi dwar il-prova tat-titlu rigwardanti l-fond, appartament numru erbgha (4), fil-blokk imsejjah "Alexander Flats", Triq il-Qalb Imqaddsa, f'San Giljan, hija kienet eccepiet li "ghandha ssir il-prova skond il-ligi li talvolta jispetta lill-assenti Charles J. Giudice".

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li skond kuntratt pubbliku datat it-3 ta' Mejju 1973 in atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace – ara fol. 32 – 37 tal-process – il-fond kien gie akkwistat b'titolu ta' vendita minn Joseph Charles Anthony Giudice, illi jirrizulta li l-imsemmi Joseph Charles Anthony Giudice miet intestat fis-17 ta' Dicembru 1987 u kellu iben wiehed, jigifieri Carmel Joseph Giudice – ara certifikat mahrug mill-

"The High Court of Justice – Family Division" – a fol. 44 tal-process. Jirrizulta wkoll li l-werriet surreferit kien hatar fl-assenza tieghu minn Malta, bhala prokuratur generali tieghu lill-attur nomine, Carmel Debono (ara prokura Dok A, C fol. 2 – 4 tal-process). Jirrizulta wkoll li l-appellanti nfisha mhux biss kienet pjenament edotta mill-fatt dwar min kien proprjetarju tal-fond imma talli xehdet li (dan wara li xehdet li Giudice kien qalilha biex tidhol fil-post),

> "Lil Giudice kont nghidlu biex nixtrih minghand Giudice stess"

U di piu' tkompli telabora li,

> "Lill-attur nomine Carmel Debono kont ikkuntattjajtu xi ftit drabi biex nixtri l-post."

Huwa minnu li immedjatament wara l-appellanti "tippreciza" li lil Carmel Debono qatt ma kellmitu pero' dan it-tahwid, inkonsistenza jew incertezza zgur ma jiggovjax l-eccezzjonijiet taghha. Fil-fatt, id-deposizzjoni taghha tispicca hekk (fol. 16) :-

> "Mistoqsija min hu l-proprjetarju tal-post nghid li kien Giudice" (sottolinear tal-Qorti).

Illi jekk imbaghad tassew l-appellanti kien ghad kellha xi dubbju dwar l-eredita' – liema punt lanqas jidher li gie mqanqal fl-ewwel stadju – hija kellha kull opportunita' li ttella' in subizzjoni lill-attur proprio meta dan assuma formalment l-atti tal-kawza fl-10 ta' Mejju 2000 – ara nota tieghu a fol. 46 tal-process.

8. L-appellanti ma tistax fi stadju ta' appell tiftah kamp gdid meta dan setghet taghmlu quddiem l-ewwel Qorti. Jekk tassew l-appellanti kellha xi dubbju dwar dak li kien qed jigi sottomess mill-parti avversa rigward titlu hija kellha kull opportunita' li tagixxi skond il-kaz. Dan m'ghamlitux. Din il-Qorti lanqas ma hija sorpriza bl-inadempjenza da parti tal-appellanti f'dan il-kuntest ghaliex jidhrilha li mill-provi prodotti, u minn dak li evidentement kien ukoll a konoxxenza taghha, il-konvenuta appellanti fil-verita' u fir-realta' kienet taf lil min kien jispetta l-fond bhala proprjeta' – u kien proprju ghalhekk li hija intentat, bla ma pero' rnexxielha, tixtrieh.

Illi ghalhekk ukoll, dak li gie sottomess ulterjorment mill-appellanti kemm waqt it-trattazzjoni orali kif ukoll tramite n-nota ta' riferenzi ma jattiljax ma' dak li kien qed jigi originarjament eccepiet mill-appellanti. Hija talbet li ssir biss il-prova dwar it-titlu u din ingiebet. Jekk hi dehrilha li din il-prova ma kienitx legalment sufficjenti setghet ipprocediet konformement ma' dan il-konvinciment – del resto mhux rispekkjat mill-provi prodotti – quddiem l-ewwel Qorti stess, pero' dana m'ghamlitux.

9. Illi dwar l-uzu li sar minn prokura maghmula fis-17 ta' Marzu 1980 da parti ta' l-attur nomine, din il-Qorti, jidhrilha li hawn ukoll jekk tassew l-appellanti kellha xi dubbju dwarha hija kellha l-mezzi u l-opportunita' li tikkontrolla dan, specjalment meta f'dan il-kaz kien hemm perijodu meta

l-mandanti kien gie lura Malta u assuma l-atti ta' din il-kawza ghal xi zmien.

10. Illi fl-ahharnett, l-appellanti ghadha ssostni li "l-assjem tal-provi juri li kien jezisti intendiment u ftehim car li l-esponenti tibqa' taghmel uzu mill-fond sakemm hija tkun tinhtieg".

Illi, bir-rispett kollu dovut, dina l-asserzjoni hija wahda ghal kollox gratuwita. Dak li invece jirrizulta hu li l-intimata dahlet fil-fond de quo minghajr ebda titolu kwalsiasi. Hija kellha – fi kliemha stess – izzomm il-post biex meta sidu, jigifieri Giudice, ikun Malta, jkun jista' jmur joqghod fih. Bil-fatt biss li Giudice halla lill-appellanti toqghod fil-fond, dan kien att ta' mera tolleranza. Dan kienet tafu wkoll l-appellanti, u kien proprju ghalhekk li ppruvat tixtri l-post bla ma pero' rnexxielha. Bil-fatt li hija rrangat il-fond a spejjez taghha, ma jfissirx li b'daqstant hija akkwistat xi titlu. Ifisser biss li fil-kaz idoneju hija tkun intitolata li tigi rimborzata tal-ispejjez hekk inkorsi minna ghaz-zamma tal-post. Mill-bqija, u kif gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti;

> "…… il-konvenuta m'ghandha l-ebda titolu fuq l-istess fond u dan anke ex admissis".

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tal-konvenuta appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha. Ghall-fini ta' l-izgumbrament il-Qorti qieghda tipprefiggi terminu perentorju ta' xahar zmien mil-lum u b'rizerva lill-appellanti ghal xi azzjoni spettanti lilha skond il-ligi riferibbilment ghal spejjez li ghamlet fil-fond li minnu qeghdha tigi zgumbrata.

Dep/Reg

mg